# TEAMWORK

Aħbarijiet mill-Kumitat tal-PTA ta' St Francis School, B' Kara
St Francis School PTA, 16 Mnajjar Str, B' Kara BKR 05. Tel: 21442205; Fax: 21489320
web; www.stfrancisschoolbkara.com; email: stfranbk@maltanet.net

*F' din il-ħarġa…*


- Kumitat 2008/09
- Imnedija is-CD ILĦNA FERRIEĦA 2
- Website Ġdida
- Proġett tal-Playground
- Lotterija tal-Milied


**Dicembru 2008**
**Ħarġa 3**

## IFFURMAT IL-KUMITAT IL-ĠDID TAL-PTA GĦAS-SENA 2008/09

Wara li fil-Laqgħa Ġenerali Annwali intagħżlu l-membri li ser jirrappreżentaw il-ġenituri fil-Kumitat tal-PTA għal din is-sena, fit-13 ta' Novembru 2008 saret l-ewwel laqgħa u fiha ġie ffurmat il-kumitat il-ġdid tal-PTA.

Nieħdu pjaċir ninnutaw element qawwi ta' demm ġdid speċjalment mill-ewwel sena għax dan ifisser li hemm futur sabiħ għall-PTA. Nawguraw lil kulħadd ħidma fejjieda!

**Head:** Sr Giovannita Briffa

**Asst Head:** Martha Camilleri

**Presidenta:** Corinne Bartolo

**Viċi-President:** Simon Spiteri

**Segretarju:** Joe Scerri

**Viċi-Segretarja:** Sharon Young

**Teżorier:** Alfred Sant

**Asst Teżoriera:** Josette Galea

**PRO:** Giorgiana Mallia

**Activity Organiser**: Doreen Distefano

**Asst Activity Organiser:** Josefa Laferla

**Membri Għalliema**: Ms Kathleen Caruana Salafia, Ms M D Teuma

**Membri Ġenituri:** Silvio Catania, Denise Mallia, Ruth Zahra

---

## IMNEDIJA S-CD ILĦNA FERRIEĦA 2

Bħalma ninsabu ċerti li diġa tafu, ġimagħtejn ilu ġiet imnedija s-CD *Ilħna Ferrieħa 2*. Din is-CD qed tikkommemora s-Sena Pawlina li l-Knisja kollha qed tiċċelebra bħal issa. Il-ħolma tagħna hi li tkompli tibni fuq is-suċċess li kellha l-ewwel CD li kienet ħarġet bħala proġett għall-Millenjum il-Ġdid.




*Tkompli f'Pagna 2...*

## IMNEDIJA S-CD ILĦNA FERRIEĦA 2 – IFFINANZJATA KOLLHA MILL-PTA

*Minn Paġna 1...*

***ILĦNA FERRIEĦA 2*** ġiet iffinanzjata kollha kemm hi mill-PTA, u ġiet tiswa madwar €3400. Apparti l-kontribut kulturali, kif wkoll spiritwali, li waħidhom diġa jagħmlu dan il-proġett wieħed fejjiedi - ix-xewqa tagħna hi li nbiegħu ħafna CDs sabiex il-qliegħ li nagħmlu minnha jmur għall-proġett il-kbir l-ieħor tal-*playground* ta' l-iskola.

Is-CD fiha 12-il kanzunetta. Tnejn minn dawn l-għanjiet għandhom il-kliem u l-mużika ta' Fr. Karm Debattista MSSP, filwaqt li l-oħrajn huma miktuba minn Mario u Magdalene Cucciardi. Il-mużika hija ta' Andrew Zammit u Veronique Degabriele Ferrante (għalliema fl-iskola tagħna). L-arranġamenti mużikali huma kollha ta' Andrew Zammit tat-Tone Studio fejn din is-cd ġiet irrekordjata. Il-kanzunetti kollha jitkantaw mit-tfal li jiffurmaw parti mill-kor ta' l-iskola u li kienu mmexxija mill-għalliema tagħhom Veronique Degabriele Ferrante u Marianne Mercieca li ħadet ħsieb ukoll il-ko-ordinazzjoni ta' din is-CD.

Is-CD ILĦNA FERRIEĦA 2 fiha kanzunetti ta' tifħir lil Alla u huma kollha għanjiet tal-widna bi stili differenti addattati għat-tfal. Din id-darba giet inkluza wkoll kanzunetta bi stil *rap* u din niżlet ferm tajjeb mat-tfal.

B'riżultat ta' dan, issa l-iskola qed ikollha diversi stediniet fuq Radjijiet u Stazzjonijiet televizivi lokali. Min għandu xi kuntatti fil-qasam tax-xandir u jista' jgħinna f' dan ir-rigward, napprezzaw ħafna, sabiex nippromwovu dan il-proġett kemm jista' jkun.

Inħeġġu wkoll lil min għadu ma xtarax ic-CD, biex jixtriha. Kull CD tiswa €12 biss. Tista' tkun ideali wkoll bħala rigal tal-Milied għan-neputijiet, jew ukoll xi adulti li jorganizzaw attivitajiet għat-tfal. It-tfal jieħdu pjaċir biha żgur! ■

## Website Ġdida . . .

Fl-istess waqt li kienet qed tiġi mnedija s-CD, l-iskola wkoll żanżnet il-*website* uffiċjali l-ġdida tagħha.

L-Address huwa ***www.stfrancisschoolbkara.com*** u fiha ssibu nformazzjoni utli fuq l-iskola, l-attivitajiet li jkunu qed isiru, kif wkoll xi logħbiet għat-tfal. Fiha ssibu wkoll paġna fuq il-ħidma tal-PTA. Żuruha ta' spiss!■

## Lotterija tal-Milied

Il-PTA qed torganizza Lotterija tal-Milied, bħala mezz ta' *fund-raising*. Għalhekk it-tfal ser jingħataw pakkett biljetti. Kull pakkett fih 12-il biljett, u kull biljett jiswa 50ċ. Jekk jinbiegħu 10 biljetti, għandkom 2 biljetti b' xejn. Jiġifieri jekk il-pakkett jinbiegħ kollu, it-tfal iridu jġibu lura l-mamma tal-biljetti u €5 biss. It-tifla/tifel li jbiegħ l-iżjed ser jingħatalu/ha rigal xieraq. Min ikun irid iżjed biljetti jkellimna. Il-Lotterija titla' fit-18 ta' Diċembru 2008, fi tmiem il-Kunċerti tal-Milied.

Nieħdu din l-okkażjoni sabiex nappellaw lil dawk il-ġenituri li għandhom xi negozji jew li għandhom kuntatti ma' ditti u kumpaniji u li jkunu jistgħu jgħinuna billi jġibulna xi *vouchers* jew premjijiet, sabiex inkunu nistgħu ninkluduhom f' lotterija oħra li nippjanaw li norganizzaw iktar tard matul is-sena.■

## Il-Proġett tal-Playground:

# Jinħatar Sotto-Kumitat

Fl-Ewwel laqgħa tal-kumitat, inħatar wkoll sotto-kumitat li jirraporta fil-Kumitat tal-PTA, sabiex jassisti lill-iskola fuq il-Progett tal-Playground li kien imħabbar is-sena l-oħra. Nisperaw li fi żmien mhux 'l boghod inkunu nistgħu nippreżentaw l-ewwel disinni u ideat fuq dan il-progett. L-ispejjeż tal-bini ser jitħallsu mill-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani. Il-PTA qed taħdem biex ittella' fondi għall-attrezzaturi. Qed nistudjaw ukoll il-possibilta` li nġibu fondi mill-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant, fi żmien qarib qed nippjanaw li niltaqgħu mal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara dwar dan. Wieħed irid jevalwa sew l-implikazzjonijiet ta' pass bħal dan.

Is-Sotto-Kumitat huwa maghmul minn dawn il-persuni: Sr Giovannita Briffa, Ms Martha Camilleri, Silvio Catania, Georgiana Mallia, Ruth Zahra, Alfred Sant, Josefa Laferla u Joe Scerri. ■

## Awguri . . .



***Il-Kumitat tal-PTA flimkien ma' l-iskola, nixtiequlkom ilkoll Milied ħieni madwar Ġesu` Bambin u Sena Ġdida mimlija risq u paci.***